# L-Iscouts fix-Xagħra

Carmel Attard

Il-Moviment ta' l-Iscouts fix-Xagħra jaf il-bidu tiegħu sa mill-1933. Kien fi żmien l-Arċipriet Dun Mawriizju Cauchi, li fix-Xagħra faqqsu, biex ngħidu hekk, żewġ għaqdiet: dik ta' l-Azzjoni Kattolika Irġiel, u disgħa xhur wara dik tal-Boy Scouts.



L-ewwel boy Scouts quddiem il-kwartieri taghhom fi Triq Gnien Imrik

Waqt li l-ewwel laqgħa tal-Azzjoni Kattolika tal-Irġiel inżammet fil-11 ta' Jannar 1933, dik tax-Xagħra Boy Scouts, kif kienu magħrufin dawk iż-żminijiet, saret fil-15 ta' Ottubru 1933.

> *"in 1932, four years ago, there were no Scouts or territorials in Gozo, and it was in 1933 that the first Group of Boy Scouts was formed at Xagħra due to the good work of Mr. Camilleri -- the Head Teacher -- and the Rev. Canons Attard (Fr Louis and Fr Victor) with Mr. Sultana as Group Scout Master". Din is-silta hi meħuda minn diskors li kien għamel il-Kurunell Percy R. Worrall (1) waqt iċ-Ċerimonja tal-ftuħ Uffiċjali tas- Silver Jubilee Ground (illum magħruf bħala Gozo Stadium) nhar l-10 ta' Mejju 1936.* (2)

Sa mis-sena 1932 id-Direttur ta' l-Edukazzjoni f'Malta, Dr. Albert V. Laferla, kien diġa qed iħajjar lis-surmast tal-iskola Primarja tax-Xagħra, is-sur Franġisk Camilleri, biex iwaqqaf l-Għaqda tal-Boy Scouts fix-Xagħra. Waqt li għaqdiet oħra tal-Iscouts kienu qed jiġu mwaqqfa f'ħafna bliet u rħula f'Malta u Għawdex, ix-Xagħra Boy Scouts kienu ser ikunu minn tal-ewwel irħula Għawdxin li kien ser ikollhom għaqda tal-Boy Scouts. Sa minn meta twaqfet l-Għaqda tal-Iscouts kienet tagħmel użu mill-Iskola Primarja fi Triq Ġnien Imrik.



l-ewwel GSL tal-iscouts is- sur Guzeppi Sultana



Is-sur Frangisk Camilleri fundatur tal-Boy Scouts Xagħra fl-1933

Is-Surmast laqqa' t-tfal subien tal-klassijiet kollha, flimkien ma' l-għalliema tagħhom, u hemm informahom dwar il-ħsieb li kellu --- dak li jiftaħ l-ewwel Scout group fix- Xagħra. Minnufih inkitbu madwar 40 tifel, u dawk li kienu l-iżgħar fl-eta' bdew jissejħu *"Cubs"*, waqt li l-oħrajn kienu l-Iscouts. Bla ħela ta' żmien il-ġenituri ta' dawn it-tfal ħitulhom l-uniformijiet, u skont l-istess Kurunell Worrall *"it costs 14s.3d to clothe a Scout and 6s.9d a Cub."*

Sadattant is-sur Ġużeppi Sultana (ta' Lejlin) li kien għalliem fl-iskola primarja tax- Xagħra nħatar bħala Group Scout Leader (GSL) waqt li s-sur Ganni (John Mary) Vella (tal-Poċċu) ħa f'idejh il-*"Cubs"* bħala Cub Scout Leader (CBL). Il-Kurunell Ingliż, li issa kien stazzjonat Għawdex, qisu ssaħħar wara x-Xagħra u partikularment wara l-Boy Scouts (3); tant li beda jiġi x-Xagħra kull nhar ta' Ħadd. Fost ħwejjeġ oħra hu kien igħallem id-drill lill-Iscouts tax-Xagħra u mhux darba jew tnejn li ħadhom ħarġiet, anke sa fuq il-Fosos tal-Furjana. L-entużjażmu tal-Iscouts kien tassew kbir. Taħt it-tmexxija għaqlija ta' Ġużeppi Sultana, mgħejjun minn Ġużeppi Attard (tat-Taljan)

u ta' John Mary Vella, flimkien mal-ħidma fejjieda taż-żewġ saċerdoti Xagħrin, Dun Alwiġ u Dun Vitor Attard (4), il-grupp ta' l-Iscouts tax-Xagħra organiżża ruħu ferm tajjeb. Ħamest ijiem wara, nhar l-10 ta' Diċembru 1933 il-Kurunell Percy R. Worrall, bħala Island Commisioner ta' l-Iscouts, ippreżenta l-"*colours*" u l-Bnadar tal-Group il-ġdid, Xagħra Boy Scouts, f'ċerimonja uffiċjali li nżammet fil-Pjazza Prinċipali tax-Xagħra. Preżenti kien hemm ukoll il-Kleru kollu tax-Xagħra u numru mdaqqas tal-poplu Xagħri. Sadattant is-sur Ġużeppi Sultana, bħala (GSL) kien siefer biex jirrappreżenta l-Iscouts Xagħrin fil-Jamboree ġewwa l-Ungerija, aktarx l-ewwel Scout Għawdxi li attenda għal Jamboree. Hu kien ġab miegħu, bħala tifkira, bastun sabiħ, li għadu jeżiżti sal-lum (5). Dan kollu juri li l-Grupp tal-Iscouts barra li kien popolari ħafna, beda jżid fin-numru ta' membri ġodda u anke f'dik li hi organiżżazzjoni bħalma naraw aktar 'l quddiem.



Preżentazzjoni uffiċċjali tal-Boy Scouts Xagħra fil-Pjazza tax-Xagħra nhar l-10 ta' Diċembru 1933

Wara l-1934 minħabba li kibret fin-numru, din l-Għaqda bdiet tħallas £2 bħala ċens ta' post li kien eżattament kantuniera ma' Triq Spiera.

Hemm kellhom aktar spazju fejn setgħu jżommu l-laqgħat tagħhom u anke jorganiżżaw attivitajiet varji. Wara ftit il-Kunsill tal-Grupp laħaq ftehim biex jibda' juża l-bitħa ta' l-iskola tal-Gvern li issa kienet tinsab fi Triq it-Tiġrija. Mill-bidu nett insibu lil Dun Alwiġ Attard u ħuh il-Kan. Vittorio Attard, it-tnejn mix-Xagħra (kienu joqogħdu fi Triq San Ġużepp), li kienu jaħdmu ħafna fil-Kunsill tal-Grupp.

Barra n-numru kbir ta' membri li kellu, ix-Xagħra Boy Scouts Group seta' jiftaħar li kien l-ewwel grupp ta' Scouts f'Għawdex li kellu l-Banda tiegħu. Din l-Banda, li kienet numeruża mhux ħażin, inħolqot bl-inizzjattiva tas-sur Franġisk Camilleri u ta' Dr. A.V.Laferla, id-Direttur ta' l-Edukazzjoni. Infatti kien Dr. Laferla li sab sett ta' strumenti mużikali '*second hand*' u l-prezz għalihom kien ta' ħamsa u għoxrin lira. Aktarx li din is-somma ħallas għaliha wieħed minn dawn it-tnejn. Din kienet tissejjaħ il-Banda ta' l-Iscouts u twaqqfet fl-1934. Saret laqgħa nhar it-2 ta' Ottubru 1934, fejn il-membri qablu li għandhom jillanċjaw din il-banda. Il-Kumitat kien magħmul mit-tlett aħwa Camilleri (Franġisk bħala fundatur/president, Censu bħala Segretarju Ġenerali u Mikiel bħala teżorier) is-sur Joseph Sultana (GSL), ir-Rev. Dun Alwiġ Attard bħala Direttur Spiritwali, mgħejjun minn ħuħ l-Kan. Vitor Attard. L-istrumenti kienu tar-ram, clarinet u percussion (katuba, plattini u tambur) u dawn jidhru fir-ritratti ta' dawk iż-żminijiet. Din il-Banda ma kienetx "*percussion Band*" imma "*Brass Band*". Bħala Surmast Direttur kellha lis-sur Mikiel Farrugia magħruf bħala tas-"Seba' Soldi", minn Victoria li aċċetta mill-ewwel meta ġie avviċinat biex imexxi din il-Banda(6). Il-Banda daqqet għall-ewwel darba fil-pubbliku nhar il-festa titular tal-Bambina, il-Ħadd 8 ta' Settembru 1935, billi esegwiet l-Innu "lil Marija Bambina" kompożizzjoni tal-istess Surmast.

Bħala każin issa kellhom il-post bin-numru 36 fil-pjazza tax-Xagħra, li ġie mbierek mill-Arċipriet Dun Mawrizju Cauchi fix-xahar ta' Mejju 1936, u ġie kkonsagrat lill-Qalb ta' Gesu' u lill-Qalb ta' Marija. Is-suċċess kien immedjat u beda jinħass u jidher, tant li fi Frar tal-1936 kienu nxtraw mat-30 strument ġdid. Sadattant in-numru ta' l-Iscouts li kien ta' ftit iktar minn 60, u issa tela' għal 75 membru, kollha Scouts mix-Xagħra. L-istendardi kienu wieħed Malti u l-ieħor Ingliż. Bħala bandisti kienu mfaħħrin minn kulħadd għall-entużjażmu kbir li kellhom.

Fis-sena 1936 il-Grupp tax-Xagħra Boy Scouts kien strumentali wkoll fil-formazzjoni ta' l-Ewwel Football Team tiegħu. Fil-"Berqa" tal-31 ta' Ottubru 1936 insibu li fost it-timijiet tal-football li rreġistraw mal-Gozo Football Association kien hemm ukoll it-team tax-Xagħra Scouts. Kien minn ta' l-ewwel timijiet tal-football fix-xena lokali. Sas-sena 1938 il-football fix -Xagħra kien attiv ħafna u fil "Berqa" tat-12 ta' April 1939 insibu rapport tal-logħba bejn Għajnsielem Rovers u Xagħra Scouts. Kien fl-istaġun 1939/40 li



L-ewwel Boy Scouts Xagħrin imdawrin bil-Bandiera ngliża u bil-kelb favorit tagħhom. Tgħid x'kien jismu?

t-team tax-Xagħra Scouts bidel ismu għal Xagħra Blue Stars. Tul is-snin ta' L-Ewwel Gwerra Dinjija, il-GFA ma organiżżatx aktar kampjonati tal-football; biss ir-Renton Cup (it-Tazza tar-rebħ tal-kampjonat) inżammet għand l-GSL, is-sur Joseph Sultana, billi ix-Xagħra Blue stars kienu dikjarati Champions t'Għawdex. Din it-Tazza ingħatat lura lil GFA wara li spiċċat il-Gwerra fl-1945.

Billi l-Boy Scouts tax-Xagħra bdew isibuha diffiċli ħafna li jibqgħu jiltaqgħu bħala Scout Group minħabba il-Gwerra Dinjija. Ħafna mill-kbar kienu ngabru għall-lieva u l-Group kien waqqaf l-attivitajiet tiegħu. Id-diriġenti bdew isibuha ferm diffiċli biex ikomplu jmexxu fl-organiżżazzjoni tal-Boy Scouts. Il-Każin tal-Banda tal-Iscouts kien rekwiżizzjonat mill-Militar ukoll u anke fejn jidħol il-football kien ukoll sospiż tul is-snin tal-gwerra. Hawn nistgħu ngħidu li L-Għaqda tal-Boy Scouts kellha tieqaf u ma tibqax tiffunzjona iżjed.

Kif wieħed jista' jimmaġina, id-diżgwid li kien jeżiżti bejn l-Azzjoni Kattolika u l-Iscouts issa kien kważi spiċċa għal kollox u dan għin ħafna biex bdiet tinbena anke ħbiberija bejniethom. Ġriet ħafna l-ideja fost in-nies tax-Xagħra li kien wasal iż-żmien li l-Banda ta' l-Iscouts u l-Orkestra, "San Ġwann Battista" jingħaqdu flimkien u b'hekk tiġi riattivata il-Banda "Vittoria" li kienet għalqet u żarmat fl-1904. Is-sur M'Anġ Apap, li kien għalliem, flimkien ma' oħrajn, ħadem kemm felaħ biex il-Banda u l-Orkestra jingħaqdu flimkien. Dan fil-fatt seħħ f'Ġunju tal-1939 meta sar ftehim biex il-mużiċisti u l-bandisti jibdew jieħdu sehem fiż-żewġ Għaqdiet, dejjem immexxija mis-Surmast/ Direttur Mikiel Farrugia. Fil-fatt iżżanżnet uniformi ġdida flok dik ta' l-Iscouts maħduma mid-Ditta Grixti tal-Belt Valletta. L-uniformi li kienet tikkonsisti fi ġlekk u qalziet abjad, papoċċ abjad u beritta, iżżanżnet fil-festa ta' San Ġiljan, f'Awissu 1939. Is-sur Joseph Camilleri qalli li kien mar ma' missieru għal din il-festa fuq il-vapur "Gollie" sal-port ta' San Ġijan. Jgħidilna wkoll li waqt il-vjaġġ lura lejn Għawdex, kulħadd kien jitkellem fuq il-gwerra. B'hekk il-Banda baqgħet attiva, l-Għaqda ma' l'Orkestra tal-Azzjoni Kattolika, imma taħt l-isem l-ġdid, dak tal-"*Victory Band*". Kien nhar il-festa ta' Santa Marija tal-1939, li l-Arċipriet Dun Mawrizju Cauchi bierek l-uniformi ġdida tal-bandisti li qabel kienu jiffurmaw il-Banda ta' l-Iscouts. Dan seħħ fil-għodu tat-Tlieta, 15 ta' Awissu 1939 u filgħaxija l-Banda "Victory" ħadet sehem fil-festa ta' Santa Marija fir-Rabat. Nistgħu ngħidu li din is-sena 1939 jaħbat it-80 sena Anniversarju meta l-Banda "Vittoria" ġiet riattivata, bl-isem ġdid ta' BANDA" VICTORY".

Ix-Xagħra Scout Group jerġa' jiġi riattivat fl-1952, din id-darba bl-inizjattiva ta' Dun Fortunat Cini, li kien id-Direttur tal-Moviment tal-Azzjoni Kattolika tax-Xagħra. Dun Fortunat kien konxju mill-fatt li fit-



Il-Banda ta' l-Iscouts mas-Surmast Direttur tagħhom Mro. Mikiel Farrugia u l-Uffiċċjali tal-Group

tletinijiet kienet teżiżti rivalita' kbira bejn l-Iscouts u l-Azzjoni Kattolika; u għalhekk reġa' rriattiva il-Grupp ta' L-Iscouts, din id-darba taħt l-umbrella tal-Azzjoni Kattolika, u b'hekk jevita dak li seħħ qabel. L-inawgurazzjoni ta' dan il-Grupp ġdid seħħ nhar id-29 ta' Mejju 1952.

Is-sur Emmanuel Attard, għalliem fl-iskola Primarja tax-Xagħra, aċċetta li ikun l-"Scout Master". L-attivitajiet tal-Boy Scouts ġibdu aktar tfal lejn iċ-Ċirklu



Il-Grupp tal Boy Scouts Xagħrin ma' Dun Fortunato Cini fi ħdan L-Azzjoni Kattolika Xagħra fl 1952

għax Dun Fortunat impenja ruħu ħafna. Il-bitħa taċ-Ċirklu kienet tintuża ħafna, u fiha għamlu anke jiem ta' *camping* u logħob kompetittiv.

Ġara' pero' li dan il-Grupp tal-l-Iscouts kellu jerġa' jagħlaq u jisfratta minħabba il-fatt li Dun Fortunat Cini kien ġie assenjat dmirijiet oħra f'Malta, xogħol li ma' kienx jippermettulu li jkun preżenti kuljum mal-Grupp. Forsi avveniment li kien baqa' jissemma kien il-mawra tas-sur Lawrence Camilleri, Scout ta' 15 il-sena, li kellu il-privileġġ li jattendi l-Inkurunazzjoni tar-Reġina Elizabbetta II ġewwa Londra, bħala parti minn kontinġent Malti (7).

**Għat-Tielet darba l-Movoment ta' L-Iscouts fix-Xagħra jerġa jitwaqqaf**

Kellhom igħaddu aktar minn 20 sena biex, għat-tielet darba, il-Grupp tax-Xagħra Scouts jerġa' jiġi riattivat din id-darba bl-inizjattiva tas-sur Vincent Vella, ftit wara li kien għadu kemm issetilja fix-Xagħra fl-1971. Hu avviċina lis-sur Joseph Grech, Group Scout Leader tal-Victoria Scouts għal parir qabel ma beda javiċina nies mix-Xagħra biex jgħinuh iwaqqaf mill-ġdid il-Grupp tax-Xagħra Scouts. L-għajta tiegħu ma waqgħetx fuq widnejn torox għax żewġ għalliema, is-sinjuri Joseph Camilleri u Carmel Agius laqgħu l-istedina u flimkien bdew jattendu għal Laqgħat Preliminarji fil-*Headquarters* tal-Iscouts ġewwa ir-Rabat. L-Arċipriet Eucharist Sultana (li kien hu stess Scout fil-grupp tal-1952) offrielhom id-dar tiegħu fi Triq Jannar bħala post biex ikunu jistgħu jiltaqgħu u jiffunzjonaw.

L-ewwel membri ta' dan il-Grupp ta' Scouts Xagħrin kien jikkonsisti f'10 Scouts u 7 Cubs. Ġie anke



Mr. R.A. Chasemore jippreżenta "canvas" għal Kamp kbir, lil-GSl Vincent Vella.



Il-Grupp tal-1974 waqt attivita' ta' camping fost attivitajiet oħra.


# Il-Bar tal-Każin tal-Banda

*Il-Bar ideali għal-kulħadd...*
*Xorb Ġenwien...*
*Atmosfera Familjari...*

Għandu sistema ta' Big Screen
fejn jintwera il-logħob kollu
tal-football kif ukoll sports ieħor

**Tel: 21556835**

*Il-Barman John Attard "il-bibu"*
*jawgura il-Festa t-tajba*
*lix-Xagħrin kollha*

iffurmat Kunsill biex igħin fit-tmexxija ta' dan il-Grupp ta' Scouts li kien għadu kemm ġie mwaqqaf. Il-membri tal-Kunsill kienu: Emanuel Attard (GSL tal-1952), Joseph Camilleri (għalliem), Humbert Grech (district medical officer), Julian Refalo (għalliem) u it-3 żgħażagħ responsabli mill-Cubs, Paul Gafa', George Attard u Joe Attard. Dan il-Grupp ġdid ġie inawgurat fis-19 ta' Frar 1974 u bħala kap kellhu lil istess Vincent Vella.

Billi ix-Xagħra Scout Group beda jiżdied fin-numru l-Arċipriet Eucharist Sultana offra d-dar ta' missieru fi Triq Marsalforn bħala *Headquarters*. Biss ma kellhomx kampijiet tagħhom u din kienet waħda mill-problemi li kellhom. Għalhekk kien ġie ikkuntattjat l-Squadron Leader R.A.Chasemore, li dak iż-żmien kien stazjonat ġewwa Cipru u dan wiegħed li meta jiġi jżur ix-Xagħra kien ser iforni lil-Iscouts Xagħrin biżżejjed *canvas* biex iħitu kamp kbir. Fil-fatt hekk ġara għax il-Kamp tas-Sajf sar fl-1974 u inżamm f'xi egħlieqi ta' familja ta' wieħed mill-Iscouts. Attivitajiet kulturali kienu jsiru regolarment u saħansitra il-Grupp ħa sehem anke fis-Saint George's Day Parade ġewwa l-Belt Valletta. Biss minħabba nuqqas ta' "leaders", wara seba' snin l-Iscout Group kellu jżarma għal darb'oħra u fil-fatt għalaq il-bibien fl-1981.

### 2008 Jerġa jinfetaħ Ix- Xagħra Scout Group li hemm illum

Is-sena 2008 kienet bla dubju mportanti ħafna fl-istorja/żvilupp tal-Scouts fix-Xagħra. Mhux biss rajna t-twelid mill-ġdid tax-Xagħra Scout Group imma assistejna għal żvilupp ġdid fl-istruttura u attivitajiet ta' l-istess Grupp. Sa minn sena u nofs qabel kienet diġa nibtet l-ideja li jerġa' jitwaqqaf is-Xagħra Scout Group. Kienu s-sinjuri Vincent Vella, Carmel Attard u Jesmond Gauċi li flimkien bdew jitkellmu bejniethom u jippjanaw biex fil-ħin opportun jerġgħu jifthu il-Group tal-Iscouts fix-Xagħra wara assenza ta' 34 sena.

F'Marzu 2008, numru ta' subien mill-iskola Primarja tax-Xagħra nkitbu u flimkien ma' xi leaders u ġenituri bdew jagħmlu l-preparamenti meħtieġa biex jerġa jiġi riattivat il-Grupp ta' l-Iscouts. Sa minn Jannar 2008 kienu jsiru laqgħat informali u fil-fatt l-ewwel laqgħa ufficjali nżammet nhar is-Sibt 9 ta' Frar 2008 li għalija kienu preżenti Vince Vella, Carmel Attard, Joseph Spiteri u Josmar Azzopardi bħala *Acting Cub Scout leader* f'kamra tal-bini taċ-Ċirklu taż-Żgħażagħ. Fil-Victoria Scout Group *News Sheet* ta' Jannar/Marzu/April f'paġna 9, f'artiklu miktub minn Brian Beek, District Chairman ta' Brownsae Island, insibu *"Over the weekend, we visited Seeonee Pack on Friday and all the other sections on Saturday. Together with GSL Lorrie, we visited the First meeting of Cubs at the new Group at Xagħra".*

It-tieni Laqgħa tal-*Cubs Pack* inżammet nhar il-Ħadd ta' wara, 16 ta' Frar 2008. Fl-IHQ Bullettin No.01/2008 (Jan-Feb). insibu lis-sur Godwin D'Anastasi, Chief Commisioner jgħid, *"May I also welcome and augua happy and fruitful scouting future to the re-activated Xagħra Scout Group after a number of years."* Fil-Bullettin No. 2 insibu dan dwar l-Iscarf Adopted by the Xagħra Scout Group *"the newly re-activated Xagħra Scout Group in Gozo has chosen a light blue scarf with a little yellow border .....the group is doing well and it will be officially launched in Mid-May of this year. There are already around 16 Cub Scouts and eight registered leaders, The Group Scout Leader is Mr. Vincent Vella."*

Ix-Xagħra Scount Group kien illanċjat ufficjalment nhar it-18 ta' Mejju 2008. Wara li nżammet Quddiesa fil-Bażilika tax-Xagħra nżammet ċerimonja fuq iz-zuntier tal-Knisja li fiha saret *'l-Investiture ceremony'* ta' l-Iscout Leaders Carmel Attard, Vincent Vella u Joseph Spiteri flimkien ma' 20 Cub li issa saru Scouts. Preżenti kien hemm numru kbir tal-poplu Xagħri. L-Iscout Groups ta' Victoria u ta' San Gwann (bil-Banda tagħhom) u persuni oħra distinti bħal Dr. Chris Said *(Parliamentary Secretary)*, Sindku u l-Kunsillieri tal-Kunsill Lokali Xagħra, Vincent Cassar Chief Scout, Leslie Bonniċi Training Programme Commissioner, Godwin D'Anastasi Chief Commissioner, L.C. Grech former Distict Commissioner for Gozo u Mons. Arċipriet Fr. Carmelo Refalo. Il-Grupp kien jikkonsisti f'20 Cubs, tfal subien bejn l-eta' ta' 8 u 13 il-sena, u 8 Leaders. Kien hemm il-ħsieb li tinfetaħ fergħa għall *Beavers* (kif fil-fatt ġara fis-19 ta' Lulju ). F'din l-okkażjoni wkoll is-sur Micheal Cini rregala Bandiera ġdida u hawn is-sur Cini ġie maħtur bħala President tal-Kunsill tax-Xagħra Scout Group.



l-ewwel Kunsill tax- Xagħra Scout Group meta ġie riattivat f'Mejju 2008



L-ewwel grupp ta' Scouts femminili li bdew jiffurmaw parti mill-SGX fl-2008



Ritratt tal-x Xagħra Scout group meħud f-Marzu 2010

Għalhekk kif qed naraw ix-xahar ta' Mejju kien wieħed memorabli u mportanti ħafna fil-mixja 'l quddiem u qabża kbira li għadda minnha l-Grupp. Saru tħejjijiet meħtieġa biex għal nofs April ix-Xagħra Scout Group kellha ukoll Leaders Femminili ġodda avveniment ġdid għall-aħħar ġewwa Għawdex. (8)

Il-ħidma tal-Leaders tax-Xagħra Scout Group ma waqfet qatt tant li fis-sena 2012 l-Għaqda tal-Iscouts tax-Xagħra akkwistaw post fid-daħla tax-Xagħra, faċċata tal-Playing Field, biex jużawh bħala *Headquarters*. Nagħlaq billi nikkwota minn dak li qalilna l-Iscouter Josmar Azzopardi fil-Ħarġa ta' l-Iscout Xagħri ta' Mejju 2016, *"Kien propju fid-9 ta' Lulju 2012 fis-seduta 500 tal-ħdax-il-Leġislatura tal-Parlament Malti li l-Mozzjoni 319 ġiet preżentata mill-Ministru Għall Kompetizzjoni Ġusta, Negozji Żgħar u l-Konsumatur. Din kienet intitolata 'Riżoluzzjoni fuq it-trasferiment ta' propjeta' lil Clubs u Assoċjazzjonijiet' li biha The Scout Association of Malta – Xagħra Scout Group ingħata b'kera ta' ħmistax –il sena art u post fi Triq ta' Ħamet ġewwa x-Xagħra skont kif titlob il-liġi. Madankollu kellna ndumu sal-20 ta' Diċembru 2012 biex il-kuntratt jiġi iffirmat mill-GSL Loraine Borg u b'hekk uffiċjalment ix-Xagħra ScoutGġroup kellu jedd fuq il-post ".*

1. Il-Kurunell Percy C. Worrall kien il-Kmandant tal-King's Own, Malta Regiment, u kien ukoll il-Kummissarju ta' Moviment tal-Boy Scouts ta' Malta

2. Ara d-Diskors tal-Kurunell Worrall għal aktar dettalji fl-Iscout Xagħri –5 edizzjoni Jannar 2013

3. Jingħad li kien għamel offerta lill-Awtoritajiet li jew jiksi l-Pjazza tax-Xagħra bl-asfalt jew jintroduċi is-sistema tad-dawl elettriku fix Xagħra. Il-poplu Xagħri xtaq li t-trab li kien jidħol fil-knisja jinqata' minnufiħ, (l-pjazza li kienet għadha torba), billi tinkesa bl-asfalt. Dan ġara fl-1935

4. Billi ma kienx hawn dawl elettriku fix-Xagħra, Dun Alwig Attard kellu ġenerator żgħir li bih seta' jixgħel ftit bozoz fid-dar tiegħu fi Triq San Ġużepp. Ara wkoll l-Iscout Xagħri ta' Lulju 2011.

5. Il-werrieta tiegħu jgħożżu dan il-bastun tal-injam bil-handle tal-bronż, li kien ġabu miegħu bħala souvenir.

6. Il-Maestro Mikiel Farruġia kien miżżewweġ lil Marija Vella, oħt il-Mro. Gianni Vella (missier il-Mro. Joe Vella). Maria u Gianni kienu wlied Mikiel Vella (tal-Ilma)u dawn kienu kollha fil-Partit tal-Istilla. Ġara li meta l-Iscouts għażlu lil Mro. Mikiel Farruġia, jingħad li ċertu Wiġi Formosa (Ta' Ħapija) ħa l-inizzjattiva li jsib surmast ieħor biex iwaqqaf u jibda' jidderieġi "Orkestra" fi ħdan l-Azzjoni Kattolika li kienet impikata ferm ma' l-Għaqda tal-Iscouts. Wiġi Formosa kien imur ir-Rabat biex jaqta xagħru għand il-barbier Mose' (magħruf tal-għaġina). Minn hemm daħal f'kuntatt ma' Mro Vella li kien tħajjar biex imexxi l-Orkestra "San Gwann Battista". Igħinuh insibu lil Dun Spedit, Żarenu Refalo, Joseph Sultana, M'Anġ Apap u Julian Refalo fost oħrajn.

7. Għal aktar informazzjoni ara Artiklu *"A Royal Memory"* fuq it-*"Times of Malta"* tad-9 ta' Ġunju 2012 miktub minn Fiona Galea Debono

8. Ara "L-Iscout Xagħri" it- 8 Ediżżjoni, Frar 2015 paġni 18 u 19.